MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1321/1999/1

**Ronald Abela f'ismu proprju u għan-nom tad-ditta *Abela Woodworks***

***Versus***

**Darren u Marie miżżewġin Borg**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' xogħol magħmul b'appalt għall-konvenuti. B'sentenza mogħtija fid-29 t'Ottubru 2004[1], fejn huma mfissra t-talbiet ta' l-attur, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u l-fatti tal-każ, il-qorti kienet qalet illi l-attur jistħoqqlu ħlas tal-bilanċ minnu mitlub ta' elfejn, mitejn u ħamsa u sebgħin lira u sittax-il ċenteżmu (Lm2,275.16), iżda mhux qabel ma jlesti xi xogħlijiet li kien fadallu jagħmel. Għalhekk wara li tat lill-attur żmien biex ilesti x-xogħlijiet, il-qorti ħatret perit tekniku biex jirrelata dwar jekk ix-xogħlijiet li kien fadal tlestewx sew.

---

1 *Foll.* 98 *et seq.*

Il-perit irrelata fl-14 ta' Ġunju 2005[2] u qal illi x-xogħol kollu miftiehem li kellu jsir mill-attur sar kif iridu l-arti u s-sengħa, u illi l-konvenuti huma sodisfatti bix-xogħol.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' elfejn, mitejn u ħamsa u sebgħin lira u sittax-il ċenteżmu (Lm2,275.16) flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuqha mill-14 ta' Ġunju 2005.
Wara li qieset illi l-kawża kienet intempestiva, għax l-attur talab ħlas qabel ma lesta x-xogħol u għalhekk kienet intlaqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, u qieset ukoll illi l-ewwel eċċezzjoni kienet miċħuda, il-qorti tordna illi l-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

2 *Foll.* 105 *et seqq.*